# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


**Minuti tal-laqgħa Nru : 40 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sinjorina Desiree Attard<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Is-Sinjorina Nicole Busuttil |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 39.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 39(1) tas-16 ta' Novembru 2015:**

*Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.*

1.2 **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi f'paġna 6 artiklu 3.1.4 għandha tittranġa din il-kelma u jinqara kif ġej :**

"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi waqt laqgħa li attenda tal-kumitat parlamentari tal-iżvilupp tal-ambjent intqal illi d-deċiżjoni għadha mhux finali li dan l-iżvilupp ser jsir fiż-Żonqor u staqsa jekk din it-tip ta' laqgħa hux ser issir mal-lokalitajiet oħra jew ma Marsaskala biss."

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri daħal għal laqgħa fis-18:08***

1.3 **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi f'paġna 6 artiklu 3.1.4 għandha tiżdied sentenza u jinqara kif ġej :**

"Is-Sindku qal illi is-Sur Yosef Al-Hroub ikkonferma illi l-bini tal-Kunsill ser jibnuhom l-investituri bla ħlas. Is-Sindku qal illi Allaħares jekk il-permessi joħorġu, il s-Sur Yousef Al Hroub imur lura minn kelmtu u Allaħares dan il-proġett ma jsirx hawnhekk."

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 2 astensjonijiet minħabba li ma kienux preżenti għal-laqgħa.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 39(1) tal-16 ta' Novembru 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lill-Kunsilliera li ma kienux preżenti fil-laqgħa preċedenti jekk infurmawx lill Kunsill bil-miktub li ma kienux ser jattendu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu informa lill Kunsill permezz ta' email filwaqt li l-Viċi Sindku qalet illi kienet infurmat lill-Kunsill permezz ta' SMS.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi skond il-liġi il-Kunsill għandu dejjem ikun magħrfa bil-miktub meta Kunsillier ma jkunx ser jattendi għal laqgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard skużat ruħa u qalet illi ma kinitx taf u għal darb'oħra tinforma lill-Kunsill permezz ta' e-mail.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 2.1.1 ta' paġna 2 u staqsa min ser ikun qed jagħmel ix-xogħol tal-jogging track fi Triq ix-Xatt

Is-Sindku qal illi l-iżviluppaturi tal-Jerma li huma is-Sinjuri Montebello u s-Sur Camilleri kienu tkellmu miegħu u infurmawh illi la darba jkun ser jibda x-xogħol l-ewwel ħaġa li ssir tkun

l-embellishment tal-promenade fi Triq is-Salini.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk huma għandhomx xi kuntratt fejn jorbothom li jridu jagħmlu l-embellishment tal-promenade.

Is-Sindku wieġeb li l-ewwel irid isir xi tip ta kuntratt fuq l-art mal-Gvern u b`hekk għadu preliminari wisq biex wieħed jiddiskuti għalissa iżda l-investituri assiguraw illi inutli jkun hemm investiment qawwi fil-lokalita` meta ma` jitranġax il-madwar bħal l-embellishment tal-promenade.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk ser isir embellishment fuq il-promenade tajjeb li l-Kunsill ikun involut kemm jista jkun għaliex hemm ċerti affarijiet illi jrid ikollna deċiżjoni fuqhom.

Is-Sindku qal illi kif diġa spjega għad ma hemmx deċiż iżda ċert li qed isiru taħdidiet, kompla jgħid illi ma hemmx dubju li l-Kunsill ser jiġi ikkonsultat bħal dejjem.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 ta' artiklu 2.1.7 fejn qal illi għalkemm il-LESA ħadet f'idejha l-gwardjani lokali hu xorta qiegħed jirċievi feedback negattiv immens fuq il-wardens u jħoss li morna għal għar u jekk nistgħu bħala Kunsill nagħmlu pressjoni magħhom forsi ntejbu l-affarijiet.

Is-Sindku qal illi hu attenda l-laqgħa tas-Sindki li fiha kienu preżenti rappreżentanti tal-LESA fl-1 ta' Ottubru 2015 u qalu illi huma bdew b'riforma ġdida fejn qabel dejjem kien hemm il-problema li la darba l-gwardjan ikun ta' ċitazzjoni dan ma jistax jitħassar. Din issa inbidlet u kompla jgħid illi f'din ir-riforma l-individwu għandu id-dritt illi jekk ċitazzjoni tkun ingħatat intortament u jgħati raġuni valida din tista tiġi ikkanċellata. Min naħa tal-LESA diġa ntbgħatu diversi ittri lil xi individwi li ħadu ċitazzjoni li kienet inġusta fejn qed jiskuzaw ruħhom magħhom ta l-iżball li jkun sar min naħa tal-gwardjan.

➤ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-18:20.***

Is-Sindku kompla jgħid illi hu qalilhom li importanti ninfurmaw aktar lill-pubbliku illi l-gwardjani Lokali ma għandhomx responsabilita' tal-Kunsilli Lokali u jekk persuna jixtieq jilmenta jista jikkomunika mas-Sur Stephen Cassar li huwa regional officer tar-Reġjun Xlokk.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan iffisirx illi hemm il-possibilita li l-individwu ma jibqax jitla t-tribunal.

Is-Sindku qal illi l-individwu jista jibgħat ittra lis-Sur Stephen Cassar u jekk ikollok raġun ma jkollox għalfejn titla t-tribunal imma la darba jkun jidher li l-ilment ma' jkunx ġustifikat, xorta tkun trid titla it-tribunal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb din l-informazzjoni tkun ċara biżżejjed għar-residenti għaliex iħoss illi għadhom ma intgħatawx biżżejjed informazzjoni.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 3.10 ta' paġna 6 staqsa f'liema żona hija proposta il-petrol station.

Is-Sindku qal illi l-petrol station hija proposta li ssir fi Triq Sant'Antnin faċċata ta' l-entratura tal-Wasteserv. Dan kollu kien ġie diskuss diġa diversi drabi u d-deċiżjoni mil-Kunsill ittieħdet fl-amministrazzjoni preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk din hijiex l-istess proposta li kellna qabel.

Is-Sindku ikkonferma li hija l-istess waħda.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi ser tinbena fuq art ODZ.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa għadu biss ħareġ il-EIS allura l-permess għadu fil-proċess. Kompla jgħid illi iż-żmien mogħti sabiex issir xi oġġezzjoni dwar dan il-proġett diġa għalaq pero l-Kunsill kien infurmat mill-ewwel meta dan ir-rapport ġie l-Kunsill u kull Kunsillier kellu aċċess li jiġi jaqrah qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 2.1.2 rigward il-bollards ta' Triq il-Qaliet. Huwa qal illi wara laqgħa fil-bini tal-Kunsill mal-Perit fil-preżenza tas-Sindku mar iltaqa mal-Perit ta' TMalta s-Sinjura Audrey Testaferrata de Noto u sar qbil illi jsiru żewġ humped zebra crossings f'din it-triq minflok il-bollards.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għaliex l-Kunsilliera ma kienux infurmati b'din il-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li lanqas hu ma kien avżat għaliex ma kienitx pjanata pero nzerta kien il-Kunsill minħabba laqgħa oħra mas-Segretarju Eżekuttiv u ġiet il-Perit ta' TMalta *dak inhar u la darba kienet ġewwa l-Kunsill saret laqgħa bejniethom flimkien mas-*Sindku.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi rigward paġna 6 artiklu 3.14 l-aħħar paragrafu hemm id-diskors rigward is-sulari tal-bini proposti fl-AUM. Hu qal illi kif diġa qal qabel m'għandniex nitkellmu bis-sulari iżda bil-metri għaliex mhux kull sular ifisser l-istess għoli u d-diskors ma jkunx korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi tkellmu bis-sulari minħabba li t-tlett sulari huma *from ground level* għaliex minħabba li din l-art għandha fiha diżlivell ser ikun hemm żewġ sulari oħra li ser ikunu taħt l-art mill-iktar parti għolja tat-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fil-media ġie imxandar illi fl-Universita' ser ikun hemm anke restaurants, social clubs eċċ fejn dan kellna iċ-ċertezza li mhux ser isiru u jħoss illi l-Kunsill għandu jerġa jiftaħ id-diskussjoni minħabba dawn id-dettalji li ħarġu issa. Is-Sur Cassar kompla jgħid illi l-Kunsill kien ħa deċiżjoni fuq l-ewwel proposta tal-bini, fuq it-tieni proposta ma kien hemm l-ebda diskussjoni u issa qed joħorġu dettalji ġodda fejn anke is-Sindku kien kontrijhom u allura jħoss illi hemm bżonn li issir diskussjoni rigward il-proposti ġodda.

Is-Sindku qal illi t-tieni proposta ma kienx hemm x'tiddiskuti għaliex il-footprint ġiet imċekna. Hu kompla jgħid illi għalkemm hu għadu kontra l-proposti kummerċjali għad ma hemm xejn uffiċjali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi dawn il-proposti ħarġu bħala dokument uffiċjali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-aħjar ħaġa li seta għamel il-Kunsillier Charlot Cassar kienet dik li jattendi għal laqgħa li kellhom mas-Sadeen Group u jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fil-laqgħa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu ma attendiex fuq punt ta' prinċipju.

Is-Sindku qal illi l-istorja li ta s-Sur Charlot Cassar lil ġurnal it-Times kienet skorretta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ċaħad li hu għadda xi storja lil xi ġurnal, kompla jgħid illi l-ġurnal ikkomunika miegħu sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu biss.
Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab lis-Sindku s-Sur Mario Calleja sabiex jirtira din l-allegazzjoni.

Is-Sindku qal illi hu mhuwiex ser jirtira din l-allegazzjoni għaliex l-istess ġurnal semma isem l-Kunsillier Charlot Cassar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fil-media ġiet imxandra informazzjoni skorretta fejn tgħid illi hu mar jiltaqa personalment mas-Sur Yousef Al Hroub minn wara dar il-Kunsill meta din l-informazzjoni kienet ħafna l-bogħod mill-verita`.
Is-Sindku qal illi meta hu ġie infurmat bil-laqgħa min naħa tal-OPM mas-Sur Yousef Al Hroub hu kellem lis-Segretarju Eżekuttiv biex jistieden lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu pero` l-media allegat illi huwa kien mar jiltaqa mas-Sur Al Hroub waħdu meta kulħadd kellu iċ-ċans jiġi jiddiskuti miegħu. Is-Sindku kompla jgħid illi waqt il-laqgħa ġew diskussi ħafna affarijiet u staqsewh jekk wara li jkollu l-permessi neċessarji huwiex lest li jagħmel dawl adekwat u tarmak ġdid fi Triq il-Blajjiet u jekk huwiex lest li jerġa jibni il-latrina li ser tiġi imneħħija minħabba l-bini propost. Is-Sindku żied jgħid li s-Sur Al Hroub kien wieġbu li se jibni żewġ lattrini minflok waħda. Ġie mistoqsi wkoll rigward sistema tad-drenaġġ ġdida fejn huwa wieġeb ukoll fl-affermattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech intervjena u qal illi jekk is-Sur Al Hroub jinħarġulu l-permessi meħtieġa mill-MEPA l-Kunsill irrid jiddiskuti l-planning gain mal-MEPA u mhux mal-iżviluppatur. Huwa kompla jgħid illi meta kien Segretarju Eżekuttiv tal-Lokal ta' Sliema u kien hemm l-applikazzjoni li jinbena Fort Cambridge, l-Kunsill kien kontra il-proġett pero` meta l-Kunsill ġie għal planning gain dawn iġġieldu kemm setgħu biex jieħdu l-ammont dovut għaliex il-ħsarat li kienu ser isiru fil-Lokal kien ħa jbatihom il-Kunsill kieku ma kienx hemm l-planning gain. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera ukoll għal-minuti uffiċċjali tal-Kunsill dwar dan.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet illi meta l-Kunsilliera ġew mistiedna għal laqgħa mas-Sadeen Group hi marret pero meta l-laqgħa kienet xolta kulħadd telaq u l-kumplament tad-diskussjoni saret wara.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta r-residenti ta' Marsaskala ma riedux l-impjant tar-riċiklaġġ ġewwa l-Lokal, l-Gvern preċedenti ħass illi xorta waħda għandu jsir fil-Lokal tagħna pero` wara l-Kunsill ingħaqad mal-Gvern sabiex naraw x'nistgħu nakkwistaw għal Lokal għad-danni li konna ser ingarbu. Din hija l-istess sistema ta' planning gain. Is-Sindku kompla jgħid ukoll illi kif spiċċat il-laqgħa xorta waħda baqgħet għaddejja diskussjoni u kien hawn il-waqt illi quddiem min baqa hemmhekk staqsa lis-Sur Al Hroub jekk kienx lest li dejjem wara li joħorġu l-permessi jaċċetta u dan dejjem mal-MEPA illi jibni il-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sur Al Hroub aċċetta mil-ewwel u s-Sindku qal illi hu staqsieh quddiem kull min kien preżenti jekk jistax jikkwotah fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u s-Sur Al Hroub qallu li seta jikkwotah.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li kif qed jgħid is-Sindku fil-każ preċedenti tal-impjant dan ġie diskuss mall-Kunsilliera u mhux kif ġara f'dan il-każ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fis-seduta preċedenti meta huwa rrefera għal-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Al Hroub is-Sur Charlot Cassar lanqas biss tkellem jew oġġezzjona. Is-Sindku qal li ma jistax jifhem kif mil-għada l-istess Kunsillier mar minn wara dar il-Kunsill iwassal stejjer qarrieqa lill ġurnal The Times.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi s-Sindku m'għandux jibqa jassoċċja miegħu din l-istorja li ħarġet fuq il-gażżetti.

Is-Sindku qal illi l-għar parti kienet illi hu bħala Sindku ġie assoċjat mal-kelma tixħim.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi din id-diskussjoni kellha issir mall-Kunsilliera qabel ma saret il-laqgħa mas-Sur Al Hroub u mhux kif seħħ li is-Sindku ddiskuta l-bini tal-Kunsill waħdu mas-Sur Al Hroub.

Is-Sindku qal illi hekk qed iġibu fid-dubju kinitx hi ukoll li waslet din l-informazzjoni lill-ġurnali għaliex hu fl-ebda ħin ma kien waħdu mas-Sur Al Hroub
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta saret id-diskussjoni mas-Sur Al Hroub fuq il-bini tal-Kunsill mhux talli s-Sindku ma kienx waħdu iżda kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm anke l-Kunsilliera l-oħra fosthom hu stess, is-Sur Charlot Mifsud, is-Sur Daniel Spiteri, is-Sinjura Elizabeth Cassar kif ukoll membru tal-OPM u għalhekk l-informazzjoni li ġiet ppubblikata fil-ġurnali kienet skorretta.

Is-Sindku qal ukoll li din il-laqgħa kienet saret wara li għaddiet il-laqgħa preċedenti tal-Kunsill allura ma setgħa jitkellem ma ħadd fuq din il-laqgħa ħlief permezz tal-email.
Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet li stajna għamilna laqgħa b'urġenza bħal ma ġieli għamilna fil-passat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal *illi* hu qatt ma basar *illi* s-Sur Al Hroub kien ser jaċċetta l-proposta tiegħu u madankollu għadda l-informazzjoni mill-ewwel fis-seduta tal-Kunsill li saret sitt ijiem wara din il-laqgħa qal ukoll illi filwaqt li tlabna ħafna affarijiet min naħa tas-Sur Al Hroub ma jistgħax jifhem x'kienet id-differenza li għamlet t-talba tal-bini amministrattiv.

Il-Viċi Sindku qalet illi dan huwa kunflitt ta' interess.

Is-Sindku qal illi hu m'għandux x'jaqsam mas-Sadeen Group allura ma seta qatt ikollu kunflitt ta' interess.

Il-Viċi Sindku qalet ukoll illi anke l-bini tal-Kunsill id-deċiżjoni kienet ittieħdet mill-membri tal-Kunsill preċedenti u mhux mil-leġislatura li hemm bħalissa u tħoss illi huma qatt ma ħadu vot fuqha.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, ilu mil-1994 jaħdem għal-bini tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna. Saru diversi applikazzjonijiet min dakinhar u hemm il-permessi kollha meħtieġa bil-liġi. Qal ukoll li meta konna irrevedejna l-pjanti f'din il-leġislatura ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mil-ebda Kunsillier.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-bini tal-Kunsill seta tlesta ħafna snin ilu li kieku ma kienx għal pika tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Kompla jgħid illi ilna għaddejjien 18-il sena fuq il-bini tal-Kunsill, faddalna għalih u naqqasna minn ċerti proġetti sabiex stajna nfaddlu għalih.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu qed jiċħad kategorikament u jitlob lis-Sindku sabiex jirtira l-akkuża tiegħu fuqu.

Is-Sindku qal illi hu mhux ser jiskuża ruħu u staqsieh għaliex fil-laqgħa preċedenti meta kellu l-informazzjoni kollha tal-laqgħa li saret mas-Sadeen group hu lanqas biss tkellem.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu kellu l-ewwel jikonsma l-informazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jħossx li kien hemm xi ħaġa ħazina illi tkellimna ma dan ic-CEO sabiex niġġieldu għal Lokal tagħna la darba jkun kiseb l-permessi mill-MEPA għaliex wara kollox dan mhuwiex l-unika Lokal li ħadem b'dan il-mod.

*Is-Sindku ġab eżempju bil-planning gain fejn kien sar il-family park, Smart City u proġetti oħra.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-family park m'għandux x'jaqsam ma din is-sitwazzjoni għaliex hemmhekk kien miżbla, kompla jgħid illi fil-punt fejn issemma li s-Sur Al Hroub ser jkun qed jgħamel il-latrina hu jħoss li mhuwiex ħa jkun qed jagħmel xejn speċjali anzi jħoss li Allaħares ma jagħmilx latrina li ser tkun imġarfa minħabba l-istess bini.

Is-Sindku qal illi hu kien favur il-bini ta' din l-Universita' mil bidu minħabba l-fatt li ser ikun qed iqajjem il-Lokal mit-telqa li jinsab fiha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-istadju ta' applikazzjoni mil-iżviluppatur il-Kunsill irid jagħmel pressjoni mal-MEPA sabiex il-Planning Gain issir favur dawn l-affarijiet li issemmew.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu qed jinkwieta minħabba l-fatt li qed ikun hawn ħafna diskussjonijiet fejn tidħol ODZ u ġab l-eżempju fejn qal illi l-grawnd tal-football li kellu jinbena fl-Universita mhux ser isir minħabba li ż-żona li kienet ser tinbena issa ċkienet u għaldaqstant huwa staqsa jekk fil-każ li ssir applikazzjoni sabiex isir ground tal-football ġewwa żona ODZ jekk hux se jkun hemm oġezzjonijiet?

Il-Viċi Sindku qalet illi hija ser toġġezzjona għal kull tip ta' żvilupp ġo żona ODZ.

***Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ressaq mozzjoni b'urġenza hekk kif ġej:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ippropona lill-Kunsill sabiex fil-fażi ta' eżattament wara li ssir l-applikazzjoni l-MEPA mill-iżviluppatur, il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-MEPA sabiex parti mill-Planning gain tiġi diretta lejn il-bini tal-Kunsill, is-sistema tad-drenaġġ, is-sistema tad-dawl fost affarijiet oħra għal ġid tal-Komunita'.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat din il-mozzjoni b'urġenza.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi huwa ma jaqbel bl-ebda mod mal-iżvilupp pero' jekk ix-xitan irid hekk ma hemmx x'tagħmel.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li jitniżżlu l-ismijiet tal-votazzjoni***

***Favur: is-Sindku s-Sur Mario Calleja, Il-kunsillier is-Sur Daniel Spiteri, Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud.***

***Kontra: Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassarhu qal illi huwa ser jinbotta l-quddiem biex spazji miftuħa u art ODZ f'Marsaskala tibqa tiġi imaħrsa u ma tinqeridx u dak l-ispazzju jiġi kollu zviluppat f'park naturali.***

***Astenzzjoni: Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri fejn qal illi għadu fi stadju prematur illi jieħu deċiżżjoni.***
***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet li d-definizzjoni ta' x'inhu ġid tal-komunita` huwa relattiv, min jaħseb li binja tal-Kunsill huwa għal ġid tal-komunita' u min jaħseb li dawk il-flus jintużaw biex jittranġaw it-toroq kollha tar-raħal.***

***Il-votazzjoni kienet 5 favur, 1 kontra u 2 astenzjonijiet.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħata l-massimu tal-performance bonus għal kull impjegat inkluż s-Segretarju Eżekuttiv.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.2 **Proposta ta' Sistema ta' One way fi Triq In-Nadur:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamel din il-pjanta ta' kif jgħaddi it-traffiku fi Triq in-Nadur attwalment. Kompla jgħid illi waqt laqgħa annwali kien sar qbil fuq implimentazzjoni ta' one way fit-toroq Gardiel, Granmastri u Kavallieri ta' Malta pero kien hemm riservi fejn tidħol one way fi Triq in-Nadur.

Is-Sindku qal illi l-ewwel biċċa ta' Triq in-Nadur minn Triq tal-Gardiel sa Triq il-Granmastri għandha tiġi one way.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi għal kull min joqogħod fl-area ta' Patri Wistin Born Triq Miklem Malti eċċ irid jieħu dawra sħiħa jekk din il-parti ta' Triq in-Nadur tiġi one way.

Saret diskussjoni dwar dan u sar qbil unanimu illi fil-laqgħa li jmiss tiġi ppreżentati pjanta oħra aktar preċiża u issir diskussjoni fuqha.

3.3 **Il-Proposta tal-iskultura ta' Ras il-Ħuta tiġi aċċettata mill-bord tal-arti fi Spazji pubbliċi (35/4959/15/I):**

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa fl-uffiċini tal-Works Division ġewwa Project House il-Furjana mas-Sur Mario Sammut l-iskultur u din ġiet magħżula bħala waħda mir-rebbiegħa, Is-Sindku kien għarraf lil dan l-iskultur bl-ideja li ħareġ biha l-Kunsill illi tiġi inawgurata fl-anniversarju ta' Angel Gabriel u talab lill-Kunsill sabiex jagħżel post fejn titpoġġa din l-iskultura.

Il-Kunsill is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nsibu spazju fuq il-promenade.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard qalet li tajjeb ma jintmissux bankijiet iżda nsibu spazzju vojt għal din l-iskultura peress li dan ser isir kollu mid-Diviżjoni tax-xogħlijiet.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi mhux ser ikun hemm spiża għal Kunsill sabiex titwaħħal din l-iskultura.

Sar qbil unanimu illi jinstab post vojt fuq il-promenade sabiex titpoġġa din l-iskultura.

3.4 **Bżonn li l-Kunsill ikollu pjan diġa għal dak li jista jwettaq permezz tal-fondi rurali tramite il-GAL Xlokk:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser nkunu qed nġeddu l-membership mal-GAL XLOKK. Kompla jgħid illi l-Kunsill kien rebaħ fondi mingħand il-GAL XLOKK għal nofs it-triq fil-limiti tal-Mozz pero` nistgħu napplikaw għan-nofs li fadal.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal tajjeb napplikaw anke sabiex tittranġa (t-triq id-daħla San Tumas ħdejn it-tlett palmiet).

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ippropona wkoll li jsir xogħol fi Triq il-Bidni.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.5 **Korrispondenza oħra mingħand is-Sur Neville Schembri dwar il-possibilita li jutilizza it-training centre tal-Kunsill għal healthcare consultancy (35/4927/15/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi dan il-persuna ser jiftaħ akkademja u irid jiddikjara post alternattiv għaliex skond il-legal notice dan jista jipprovdi l-indirizz tat-Training centre tagħna pero` ma jfissirx li dan jista jaqbad u juża l-post meta jrid u bla ħlas. Hu qal illi is-Sur Schembri ma tantx ser ikun qiegħed jagħti korsijiet ġewwa it-training centre għaliex normalment imur ġewwa djar tal-anzjani jew inkella fid-djar privati pero` xorta għandu bżonn dan l-indirizz sabiex jiġi mniżżel bħala l-indirizz tal-akkademja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-Sur Schembri qal ukoll li hu lest li jħallas il-Kunsill jekk ikun ser isir xi kors.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi s-Sur Schembri għandu post alternattiv pero għalina bħala Kunsill tkun xi ħaġa prestiġjuża li t-training centre ikun mniżżel taħt kappa ta' akkademja.
Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi t-training centre mhuwiex approvat mil-MEPA approved biex ikun jista jkun mniżżel bħala akkademja għaliex ma hemmx ċertu affarijiet li għandhom ikunu f'post fejn toffri korsijiet lin-nies bħal eżempju miżura ta' sigurta`.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi ma hemmx bżonn ta' xejn partikolari għaliex is-Sur Schembri jagħmel dawn il-korsijiet anke ġewwa djar privati allura ma hemmx bżonn ta' approvazzjoni mingħand il-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk din l-akkademja hijiex nazzjonali u jħoss li għandna nieħdu parir legali biex nkunu żguri li nieħdu deċiżjoni tajba.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm sentenza li tgħid illi s-Sur Schembri għandu l-ħsieb li jgħamel private training academy fejn il-Kunsill ġieli irċieva rikjesti ta' dan it-tip fejn ikunu għal entitajiet privati u aħna dejjem sħaqna illi fejn ikun hemm xogħol privat l-Kunsill ma jidħolx fiha.

Sar qbil unanimu illi l-ewwel nitkellmu mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3.6 **Korrispondenza mingħand Frank Borda Ltd dwar il-panelli li għandna installati fuq il-lattrina ta' Żonqor u l-bżonn li nagħmlu polza ta' assigurazzjoni għalihom (35/4894/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċivejna din il-korrispondenza mingħand il-kuntrattur illi xtrajna il-panelli tal-Latrina ta' Żonqor mingħandu fejn qed jinfurmana b'polza ta' assigurazzjoni li tkopri Act of God minħabba xi ħsarat fuq dawn il-panelli għaliex l-insurance tagħna dan ma tkopprihx u jiġi jiswina €60 fis-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naraw kemm tiġi tiswina din il-polza mal-insurance li għandna bħalissa biex filkas nżiduha ma dik li għandna attwalment.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-20:11***

3.7 **Risposta mill-MEPA dwar Triq San Nikola (35/4966/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill illi irċevejna korrispondenza mingħand il-MEPA rigward binja li tinsab fi Triq San Nikola fejn il-propjetarju kellu l-obbligu li jagħmel taraġ fi Triq San Nikola li jagħti għal Triq l-Immakulata. Kompla jgħid illi hu bagħat ittra lill-MEPA fejn tgħid illi dan it-taraġ ma sarx u huwa fl-obbligu tal-MEPA li tinforza ma dan l-individwu għaliex dan il-bini ilu li sar mill-1995 u suppost sar it-taraġ qabel il-bini residenzjali

Sar qbil unanimu illi nistennew risposta mingħand il-MEPA.

3.8 **Laqgħa il-MEPA dwar Żonqor Playingfield. Il-Kunsill se kollu jissottometti full development application:**

Is-Sindku qal illi hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv attendew għal din il-laqgħa fejn il-Kunsilliera kienu kollha mistiedna. Hu qal illi ltaqgħu mar-rappreżentanti tal-MEPA fejn qalulhom li din hija white area allura mhux permessibli li jsir żvilupp pero jista jsir il-garaxx propost mill-Kunsill u waħda mill-vantaġġi ser tkun illi l-playingfield ta' Żonqor hija ta' 3 livelli pero la darba jsir dan il-garaxx din tiġi b'żewġ livelli. Kompla jgħid illi l-Perit qed jistenna risposta mingħand il-Kunsill dwar dan il-proġett sabiex ikun jista jissottometti l-applikazzjoni l-MEPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ir-rampa li hemm attwalment qeda mibnija ħażina għaliex qeda wisq wieqfa u la darba il-playingfield jiġi fuq żewġ livell din tiġi irranġata ukoll skond il-liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv pero` spjega li se tkun parti mil-grawnd li se tiġi skavata u mhux kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-garaxx u li l-Perit għandu jissottometti Full Development Application il-MEPA.

3.9 **Korrispondenza mingħand is-Sur John Emren Vella dwar proġett pilota mniedi mill-Gvern Ċentrali biex jinbnew parkeġġi għall-pubbliku taħt l-art bil-Public Private Partnership (35/5218/15/I):**

Is-Sindku qal illi irċivejna korrispondenza mill-Project Malta taħt il-Ministeru tas-Sur Konrad Mizzi fejn talabna sabiex naraw fejn nistgħu nsibu siti kemm privati kif ukoll pubbliċi fejn jistgħu isiru parking areas u ngħaddulu s-siti proposti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi kieku jipproponi il-parking tas-Sun City.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fl-opinjoni tiegħu l-Gvern għandu joħroġ expression of interest.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi jekk ser issir skavar fil-parkeġġ tas-Sun City hemm problema għaliex tkun trid tagħlaq it-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jipproponi illi l-parkeġġ tal-iskola li ser tinbena iżid l-ammont ta parkeġġi min dak diġa ppropost.

Is-Sindku ppropona l-art ta' Fino kif ukoll l-art tal-Baruni li qiegħda fi Triq Bella vista.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-Ministeru għandu jaħdem id f'id mat-Transport Malta u jkolna traffic impact plan u f'dan l-eżerċizzju jiġu identifikati siti li jistgħu jiġu utilizzati għal parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ippropona s-sit tal-iskola preżenti u s-sit tal-Knisja fejn ser jinbena ċ-Ċentru Parrokjali bejn Triq Patri Wistin Born u Triq il-Lampuka.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu sit tajjeb jkun il-grawnd tal-futbol li għandna bħalissa, fejn il-parking isir taħtu u l-pitch jerġa jinbena mil-ġdid fuqu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu dawn il-proposti.

3.10 <u>Korrispondenza dwar nuqqas fil-frekwenza ta' tal-linja:</u>

Is-Sindku qal illi qabel ma saret ir-riforma l-ġdida fil-karozzi tal-linja, ir-rotta kienet iġġib il-ħin billi tieqaf ħdejn l-Ex Jerma u l-Bajjiet pero issa qiegħda tieqaf ħdejn Grabiel Restaurant.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi problema oħra hija li twaqqfet ir-rotta tal-X5 u tajjeb li ninfurmaw lill-Public Transport dwar dan in-nuqqas.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk hux ser ikun hemm rotta li titla iż-Żonqor iktar frekwenti.

Sar qbil unanimu illi niktbu lil Public Transport bin-nuqqasijiet fir-rotot f'Marsaskala.

3.11 <u>Magazin tal-Kunsill:</u>

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm problema bid-distributuri preżenti li jqassmu l-magazin tal-Kunsill ġewwa id-djar għaliex jidher li qed iwaqqaf dan is-servizz allura kien hemm bżonn li nsibu lil ħaddieħor. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kkuntatja lid-distributors li konna naħdmu magħhom qabel li huma il-Mailbox u staqsejnihom sabiex jibgħatulna kwotazzjoni ta' kemm tiġi tiswa biex inqassmu l-magazin u talbuna l-ammont ta €400 iżda hu kellmu u qallu li dak huwa prezz għoli immens u staqsih sabiex ibaxxi l-prezz għaliex nkella ma nkunux nistgħu naħdmu magħhom fil-futur.

Is-Sindku qal illi tajjeb kieku nipprovaw inqabbdu xi entita bħal xi każin jew xi żagħżagħ fejn inħallsu lilhom u joffrulna dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jkollna problema għaliex ikunu jridu jippreżentaw il-karta tal-VAT u dawn m'għandomx.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill illi kien għadu kemm irċieva l-kwotazzjoni irranġata mingħand il-Mailbox fejn l-prezz jammonta għal €225.00 + VAT.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naħdmu mall-Mailbox.

3.12 <u>*Torri San Tumas :*</u>

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi saret applikazzjoni mal-MEPA mis-Sur Mario tal-fondazzjoni Wirt Artna rigward it-Torri San Tumas fejn il-Kunsill ma kienx mgħarraf b'dak li kien ser jsir.

Is-Sindku qal illi dan it-torri huwa dovut lil din il-fondazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb nqabbdu lill-Perit sabiex jindaga sew fuq hiex inhi l-applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li niċċekkjaw biex nottjenu iktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni.

3.13 **Ikla tal-istaff tal-Milied:**

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi peress illi fl-aħħar laqgħa kien hemm tibdil fil-ġurnata tal-ikla tal-istaff ir-ristorant li konna sejrin fih ma kellu post u allura kellna nbiddlu l-post u din l-ikla issa ser issir fir-ristorant Mr Fitz ġewwa Marsaxlokk.

3.14 **Trakk ipparkjat illegalment:**

Is-Sindku qal illi hemm tal-linja li qiegħda ipparkjata fi Triq il-Qaliet quddiem il-vilel u ilha hemm. Kompla jgħid illi hu diġa kellem lil sid it-trakk pero xorta baqa ipparkjat fejn kien.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Spettur u ninfurmawh b'dan.

3.15 **Arbli tad-dawl Triq Apap Bologna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm problema bl-arbli fi Triq Apap Bologna li kienu ġew mwaħħla mill-istess kunsill. Kompla jgħid illi ċ-ċans hu li dawn l-arbli ser ikollhom jinqalgħu u jerġgħu jitwaħħlu għas-spejjeż tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm xi trinka li għaddejja minn taħt il-bankina u peress li issa l-kuntrattur Schembri Infrastructors ser ikun qed jagħmlu t-triq ġdida din kif ser iħamlu hemm ċans li iċċedi u jaqgħu l-arbli tad-dawl.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinqalgħu u jerġgħu jitwaħħlu dawn l-arbli.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq pagament illi kien daħal tard.

a) Mr Ronald Briffa li jammonta għal €1112.50 li jinkludi il-kirja tal-garaxx kif ukoll il-kont tad-dawl.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħallas dan il-pagament.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq pagament #3174 mingħand Toni's Wines & Spirits

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li dawk drink mixtrija għall-bibita tal-Kunsill.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament #3153 ta' liema xahar hu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li huwa tax-xahar ta' Novembru.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dan il-kuntrattur għadu qiegħed jaħdem bit-trakkijiet li mhumiex euro 4 u hemm bżonn illi dan jieqaf. Kompla jgħid illi it-tender ħaduh bil-kundizzjoni li jaħdmu bit-trakkijiet li huma euro 4 u għalkemm wissejnijom kemm il-darba dawn xorta mhumiex jaderixxu l-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu illi ser jibgħat ittra lill-Kuntrattur u jagħtih l-aħħar avviż qabel ma jinbdew jinħarġu default notices.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal ukoll illi hemm bżonn nerġgħu nordnaw tabelli akbar min dawk li għandhom fil-preżent biex jitwaħħlu mat-trakkijiet bil-logo tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrimarka fuq pagament #3209 tas-Sur Ronald Bezzina fejn qal illi tajjeb naraw sew jekk hux qed iħaddem erba ħaddiema għaliex hu dejjem tlieta qiegħed jara u meta ġie il-Kunsill u għamel ħin twil induna li tlieta min nies biss qed jiġu jiffirmaw u dan huwa ksur fil-kuntratt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi tintbgħat ittra lis-Sur Bezzina u ninfurmawh b'dawn in-nuqqasijiet u li se jkun l-aħħar avviż ukoll.

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat.**

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

6.0 ***Mozzjonijiet:***

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

7.0 **Informazzjoni mill-Kunsilliera:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informa lill-Kunsilliera illi l-Kunċert korali ser isir fit-18 ta' Diċembru ġewwa l-Knisja parrokjali kif ukoll ser ikun hemm l-avveniment taċ-Ċiniżi li ser ikun fl-24 ta' Jannar u l-ikla ta' l-anzjani ser tkun ukoll fix-xahar ta' Jannar.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku